

Il-Kodiċi tal-Istatuti tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport



Regolamenti li jemendaw ir-regolamenti u r- rakkomandazzjonijiet ġenerali tal-Aġenzija Żvediża tat-Trasport (TSFS 2012:97) dwar l-ispezzjoni tal- affidabbiltà stradali;

TSFS 20[Sena]:[Nru]

Ippubblikati
fi [Agħżel data]

TRAFFIKU FIT-TOROQ

adottati fi [Agħżel data].

Skont il-Kapitolu 8, it-Taqsima 16 tal-Ordinanza dwar il-Vetturi (2009:211), l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport b'dan ddigrieta li l-Kapitolu 1, it-Taqsima 2 u l-Appendiċi 1 tar-regolamenti u r-rakkomandazzjonijiet ġenerali tal-Aġenzija (TSFS 2017:54) dwar l-affidabbiltà stradali għandhom ikunu fformulati kif ġej.

Taqsima 2¹ Għall-finijiet ta' dawn ir-Regolamenti, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

<i>workshop akkreditat</i>	workshop tal-vetturi li fl-organizzazzjoni tiegħu stess għandu korp ta' spezzjoni li huwa akkreditat biex jivverifika t-tiswijiet tal-workshop stess bis-saħħa tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jstabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 339/93 Nru 339/93 (fil-verżjoni oriġinali tiegħu) u permezz tal-Att (2011:791) dwar l-Akkreditazzjoni u l-Valutazzjoni tal-Konformità;
<i>metodu alternattiv ta' kontroll</i>	metodu ieħor ta' kontroll, definit mill-korp ta' spezzjoni nnifsu fis-sistema ta' ġestjoni tiegħu stess, li jagħti riżultat ekwivalenti;
<i>livell ta' defiċjenza</i>	il-vettura tkun iddegradat sa grad inaċċettabbli fir-

¹ L-emenda tfisser ukoll li d-definizzjoni "sistema eCall immuntata fil-vettura bbażata fuq in-numru 112" titneħħa mil-lista.

<i>tlieta (3)</i>	rigward tar-rekwiżiti preskritti li jikkonċernaw in-natura u t-tagħmir tagħha u d-defiċjenza hija ta' importanza tali li l-vettura ma tkunx tista' tintuża mingħajr periklu ovvjw għas-sikurezza fit-toroq;
<i>livell ta' defiċjenza tnejn (2)</i>	il-vettura tkun iddegradat sa grad inaċċettabbli fir-rigward tar-rekwiżiti preskritti li jikkonċernaw in-natura u t-tagħmir tagħha u d-defiċjenza ma tkunx sempliċi f'termini tal-ambjent jew tas-sikurezza fit-toroq;
<i>livell ta' defiċjenza tnejn (2) immarkat b'salib (x)</i>	il-vettura tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti iżda d-defiċjenza hija sempliċi f'termini tal-ambjent u s-sikurezza fit-toroq u ma tirrikjedix spezzjoni ta' segwitu, iżda tobbliha lis-sid tal-vettura jikkoreġi minnufih id-defiċjenza;
<i>livell ta' defiċjenza E</i>	użata biex tirreġistra data għal ċerti komponenti, sistemi u unitajiet tekniċi separati li ma jikkostitwixxux defiċjenza;
<i>livell ta' defiċjenza K</i>	użata għal spezzjoni interrotta tal-affidabbiltà stradali meta ma jkunx jista' jitwettagh stadju wieħed jew aktar tal-ispezzjoni;
<i>livell ta' defiċjenza R</i>	il-vettura ġiet modifikata mill-aħħar disinn approvat u trid tgħaddi minn spezzjoni ta' reġistrazzjoni għidha sabiex jiġi żgurat li l-vettura tissodisfa r-rekwiżiti preskritti għall-kundizzjoni u t-tagħmir tagħha;
<i>livell ta' defiċjenza S</i>	il-vettura għandha nuqqasijiet kombinati, fejn żewġ nuqqasijiet jew aktar jinteraġixxu b'tali mod li n-nuqqasijiet jiġu vvalutati kollettivament bħala aktar serji min-nuqqasijiet individwali separatament. Għalhekk, il-valutazzjoni ġenerali titwettagh f'livell ogħla fil-programm ta' kontroll u bil-bażi ogħla li jmiss għal-livell ta' defiċjenza;
<i>kodiċi tal-livell ta' defiċjenza</i>	kodiċi li jindika s-sinifikat ambjentali jew għas-sikurezza fit-toroq tad-defiċjenza jew l-eżitu tal-ispezzjoni;
<i>spezzjoni</i>	il-forom kollha ta' spezzjoni (spezzjoni sħiħa tal-affidabbiltà stradali, spezzjoni waqt it-traġitt, spezzjoni ta' segwitu, spezzjoni tar-reġistrazzjoni, spezzjoni tal-idoneità u spezzjoni ta' moped);

<i>stazzjon tal-ispezzjoni</i>	kwalunkwe faċilità, fissa jew mobbli, fejn jitwettqu l-ispezzjonijiet; faċilità mobbli għandha tikkonsisti minn vettura rreġistrata fir-Reġistru Żvediż tat-Traffiku fit-Toroq;
<i>kodiċi tal-programm ta' spezzjoni</i>	kodiċi li jindika t-tip ta' spezzjoni msemmija;
<i>defiċjenza, li l-firxa tagħha hija indikata bil-grad "xi fitit"</i>	is-sistema/il-komponent ma jkunux f'kundizzjoni tajba ta' tħaddim jew ma ssirilhomx ħsara, u d-defiċjenza tkun tidher b'mod ċar;
<i>defiċjenza li l-firxa tagħha hija indikata bil-grad "sinifikanti"</i>	id-defiċjenza hija identifikkabbli b'mod ċar u ta' kobor sinifikanti,
<i>defiċjenza li l-firxa tagħha hija indikata bil-grad "ħafna"</i>	id-defiċjenza hija kompletament ovvja u severa immens;
<i>kontroll tal-brejk</i>	l-eżami tas-sistemi tal-ibbrejkjar skont il-programm ta' kontroll;
<i>effiċjenza</i>	espressa b'ħala perċentwal u tikkonsisti fil-forza tal-ibbrejkjar diviża bil-gravità mmultiplikata b'100;
<i>spezzjoni ta' segwitu</i>	spezzjoni fejn jiġu vverifikati d-defiċjenzi kkoreġuti mill-ispezzjoni tal-affidabilità stradali jew l-ispezzjoni waqt it-traġitt ta' qabel;
<i>test ta' sewqan sempliċi</i>	eżami tal-vettura billi tinstaq għal distanza qasira biex tiġi ċċekkjata l-kapaċità ġenerali tas-sewqan;
<i>defiċjenzi sempliċi</i>	defiċjenza bil-livell tnejn immarkata b'salib (2x), misjuba matul spezzjoni sħiħa tal-affidabbiltà stradali jew spezzjoni ta' segwitu;
<i>tqabbid</i>	it-tqabbid ta' dettall jew komponent b'tali mod li jissodisfa l-funzjoni partikolari tiegħu mingħajr ir-riskju li jinqala';
<i>indikatur tal-ħsara (OBD)</i>	sinjal tad-dawl jew tal-ħoss li jinforma lis-sewwieq tal-vettura li komponent relatat mal-emissjonijiet konness mas-sistema OBD, jew is-sistema OBD innfisha, mhux qed jaħdem;
<i>spezzjoni waqt it-</i>	isem kollettiv għad-diversi spezzjonijiet tekniċi

<i>traġitt</i>	aleatorji ta' vetturi fit-traffiku mwettqa minn uffiċjali tal-pulizija jew spetturi tal-vetturi fit-toroq;
<i>numru ta' identifikazzjoni tal-vettura</i>	in-numru tax-xażi, in-numru tal-qafas jew l-immarkar speċjali ekwivalenti;
<i>informazzjoni speċifika għall-vettura</i>	data teknika, data ta' referenza jew valuri ta' limitu meħtieġa għal spezzjoni ta' vettura partikolari;
<i>sena tal-vettura</i>	l-informazzjoni fir-Reġistru Żvediż tat-Traffiku fit-Toroq li tagħti s-sena tal-mudell ta' vettura jew, fin-nuqqas tagħha, is-sena tal-produzzjoni, jew – fin-nuqqas ta' dawn iż-żewġ speċifikazzjonijiet – is-sena li fiha l-vettura ntużat għall-ewwel darba;
<i>spezzjoni sħiħa tal-affidabbiltà stradali</i>	il-formola ta' spezzjoni regolari, f'konformità mal-programm ta' spezzjoni fl-Annessi 1–3;
<i>test ta' sewqan sħiħ</i>	eżami tal-karatteristiċi tal-vettura permezz ta' sewqan normali, bl-inklużjoni ta' testijiet tal-ibbrejkjar, tal-immanuvrar u tal-kapaċità ta' sewqan;
<i>funzjoni</i>	it-tħaddim kif maħsub fir-rigward ta' sistema, komponent jew dettall;
<i>test funzjonali</i>	l-ittestjar ta' jekk sistema, komponent jew dettall jiffunzjonawx kif maħsub waqt l-użu normali jew l-immanuvrar;
<i>kapaċità funzjonali</i>	valutazzjoni ta' jekk sistema, komponent jew dettall humiex kapaċi jiffunzjonaw meta l-ittestjar funzjonali ma jkunx possibbli;
<i>inġunzjoni għal spezzjoni tal-affidabilità stradali</i>	rekwiżit għat-twettiq ta' spezzjoni sħiħa tal-affidabbiltà stradali;
<i>inġunzjoni għar-rettifika tan-nuqqasijiet</i>	rekwiżit li titwettaq spezzjoni jew miżuri ta' segwitu, tiswija u spezzjoni, f'workshop akkreditat;
<i>spezzjoni ssimplifikata tal-livell tal-ħoss</i>	kejl tal-livell tal-ħoss tal-egżost skont l-Anness 5;
<i>pressjoni garantita</i>	il-pressjoni minima ggarantita mill-manifattur li tkun disponibbli fiċ-ċilindru tal-brejk bi bbrejkjar massimu (Pgar) u użata għall-kalkolu tal-forza massima tal-

	ibbrejkjar u l-effiċjenza; bħala alternattiva għat-trejlers mis-sena tal-mudell 2005 u għat-trejlers mgħammra b'sistema elettronika tal-ibbrejkjar (EBS), għandha tintuża l-pressjoni 0.80 MPa, għat-trejlers l-oħra, il-pressjoni hija ffixxata għal 0.65 MPa;
<i>laxkezza</i>	moviment f'gog jew bering lil hinn mill-moviment li huwa normali fid-disinn;
<i>spezzjoni tal-laxkezza</i>	verifika tad-daqs tal-vojt f'gog jew bering, matul il-ħatt fejn possibbli;
<i>dwarjet tar-rota waqt l-ispezzjoni tal-ibbrejkjar</i>	dawriet tar-roti li, għall-finijiet tal-kalkolu, jitħallew jiddevjaw ± 25 % minn tidwira sħiħa tar-rota;
<i>spezzjoni mhux imwettqa</i>	sistema jew komponent li ma jkunx ġie spezzjonat minħabba defiċjenza rikonoxxuta fil-vettura jew minħabba li d-disinn jew il-konstruzzjoni tal-vettura jagħmluha impossibbli li tiġi spezzjonata;
<i>spezzjoni tal-affidabbiltà stradali</i>	terminu ġeneriku għall-ispezzjonijiet tal-vetturi li jinkludu spezzjoni sħiħa tal-affidabbiltà stradali u spezzjoni ta' segwitu,
<i>sekwestru</i>	stat li għal sistema, komponent jew dettall ifisser funzjoni jew immanuvrar indeboliti/mhux sikuri;
<i>tabella ta' projbizzjoni</i>	tabella mwaħħla ma' vettura meta tiġi imposta projbizzjoni tas-sewqan (Anness 4);
<i>spezzjoni tal-ħoss</i>	valutazzjoni suġġettiva tal-livell tal-istorbju tal-egżost jew tal-istorbju minn ħsara suspettata billi wieħed jisma';
<i>forza medja tal-ibbrejkjar matul tidwira waħda tar-rota</i>	il-valur medju kkalkulat tal-forza tal-ibbrejkjar żviluppata matul tidwira medja tar-rota bi pressjoni kostanti tal-pedala jew tat-tħaddim fil-każ ta' kontroll tal-brejk;
<i>kejl</i>	id-determinazzjoni tal-valur tal-kwantità bl-użu ta' tagħmir tal-kejl;
<i>spezzjoni viżwali</i>	Spezzjoni bbażata prinċipalment fuq impressjonijiet viżwali, iżda li tista' tinkludi wkoll impressjonijiet permezz ta' organi sensorji oħra, kif ukoll azzjonijiet manwali sempliċi u kejl sempliċi;
<i>spezzjoni perjodika tal-affidabbiltà</i>	spezzjoni perjodika sħiħa tal-affidabbiltà stradali f'konformità mal-Ordinanza dwar il-Vetturi (2009:211);

<i>stradali</i>	
<i>pożizzjoni</i>	kodiċi li jikkonsisti minn 1 sa 4 ċifri li jidentifikaw is-sistema, is-subsistema, il-komponent u l-komponenti individwali u d-dettalji skont il-programm ta' verifika fl-Anness 1–3;
<i>forza tal-ibbrejkjar ta' referenza</i>	il-forza tal-ibbrejkjar għal fus tar-rota ġġenerata fil-periferija tat-tajers waqt l-ittestjar f'tester tal-brejk bir-romblu u relatata ma' pressjoni taċ-ċilindru tal-brejk speċifikata fid-dokument maħruġ matul l-approvazzjoni tat-tip skont l-ECE R 13;
<i>test tad-deċellerazzjoni</i>	il-kejl, jew il-kejl u l-kalkolu, tal-kapaċità ta' deċellerazzjoni tal-vettura billi jiġi applikat il-brejk matul is-sewqan tat-test fuq pjan u triq pavimentata bi frizzjoni tajba;
<i>spezzjoni tal-ħsara fis-sadid</i>	spezzjoni ta' ħsara mis-sadid li tibda b'kontrolli viżwali iżda li tinbidel għal eżaminazzjoni b'għodod ta' kontroll jekk tinstab ħsara fis-sadid fuq l-uċuħ u d-dettalji;
<i>reżistenza għad-dawrien</i>	il-forza medja meħtieġa biex iddur ir-rota b'tidwira waħda bit-tester tal-brejk mingħajr ma jiġi applikat il-brejk;
<i>ħsara</i>	deformazzjoni, indeboliment fil-funzjoni, korrużjoni jew dgħufija oħra ta' komponent jew dettall;
<i>testijiet tas-sikurezza tat-traffiku</i>	test tal-affidabbiltà stradali tal-vettura skont id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE fil-formulazzjoni oriġinali tagħha;
<i>trattur b</i>	trattur b'veloċità massima ta' aktar minn 40 kilometru fis-siegħa;
<i>gravità</i>	il-piż totali jew it-tagħbija garantita fuq il-fus immultiplikata bl-aċċellerazzjoni gravitazzjonali g (9.81 m/s ²);
<i>spezzjoni tad-densità</i>	eżami tad-densità ta' sistema maħsuba biex iżżomm gass jew likwidu.

F'isem l-Aġenzija Żvediża tat-Trasport

JONAS BJELFVENSTAM

Anders Gunneriusson
(Toroq u ferroviji)

Appendiċi 1². Programmi ta’ spezzjoni – vettura, trejler

7.3.6 (P) Trasport tal-iskejjel, sinjal tad-dawrien (9.10.2)

Spezzjoni Sinjal tad-dawrien għat-trasport tal-iskola jiġi ċċekkjat jekk dan ikun ġie nnotat mill-pulizija matul spezzjoni waqt it-traġitt.

Metodu Spezzjoni funzjonali, spezzjoni viżwali

Valutazzjoni

Bażi għall-valutazzjoni (7. 3 Sinjali)	Karozza	Trejler
Sinjal:		
- mġhotti	2x	2x
- disinn mibdul (kulur, tejp, eċċ.)	2	2
- tqabbid b’difett sinifikanti	2x	2x
Indikaturi tad-direzzjoni:		
- kulur ħażin	2x	2x
- naħa waħda, quddiem jew wara, mhux jaħdem	2x	2x
- iż-żewġ naħat, quddiem jew wara, mhux jaħdem	2	2
- naħa waħda, quddiem u wara, inoperattiv	2	2
- dawl notevolment baxx	2	2
- frekwenza tat-teptip < 40 jew > 140 teptipa/min	2	
- apparat ta’ kontroll inoperattiv	2x	
- funzjoni mhux korretta fl-użu simultanju mal-fanal tal-pożizzjoni/dwal tal-brejk	2	2
Indikatur tad-direzzjoni tal-ġenb (1986):		
- inoperattiv	2x	
- kulur ieħor għajr oranġjo-isfar	2x	
Dwal tal-ibbrejkjar:		
- kulur ħażin	2x	2x
- naħa waħda mhux taħdem (u wkoll mhux simetrika)	2x	2x
- iż-żewġ naħat inoperattivi	2	2
- dawl notevolment baxx	2	2
- ma tixgħelx f’deċellerazzjoni baxxa	2	
- funzjoni mhux korretta fl-użu simultanju mal-fanal tal-pożizzjoni/indikatur tad-	2	2

² L-emenda tħassar 7.13.

Bażi għall-valutazzjoni (7. 3 Sinjali)	Karozza	Trejler
direzzjoni		
- extra, inoperattiva (u wkoll mhux simetrika)	2x	2x
Apparat tas-sinjalar:		
- inoperattiv/ineżistenti	2x	
- storbju mhux sodisfaċenti	2x	
Tagħmir ta' allarm:		
- inoperattiv jew storbju mhux sodisfaċenti	2	
- immuntat fuq karozza li mhijiex vettura ta' emerġenza	2	
Kontrolli:		
- funzjoni inċerta	2	
Triangolu ta' twissija:		
- mhux f'postu	2x	
- bi ħsara sinifikanti	2x	
Xarabank tal-iskola, sinjal tad-dawrien:		
- fanal wieħed inoperattiv	2x	
- dawl dgħajjef ħafna/inoperattiv	2	

8

STRUMENTAZZJONI